MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 40/2007

Av. Dottor David Tonna (numru tal-karta ta' l-identita` 659956(M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Austria Tabak GmBH & Co. KG.
vs
Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Veronica Rossignaud li b'digriet tad-29 ta' Jannar 2007 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` Playmaker, Ul. 24 Novembra H14, Bar, Montenegro

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Dr. David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Austria Tabak GmbH & Co. KG. li bih espona:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti Autria Tabak GmbH & Co KG, ta' Koppstr. 116, 1160 Wien, tal-Awstrija hija proprjetarja tal-marka tas-sigaretti "MEMPHIS" u

proprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq il-pakketti tal-istess sigaretti, kif ukoll ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn muri fuq l-istess pakketti tas-sigaretti u dan skond kif kien jidher fuq id-Dokument “A” u d-Dokument “B”;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrijali tal-istess markju u disinn “MEMPHIS” minhabba l-fatt illi s-socjeta` rikorrenti kellha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku li jinsab fuq l-istess pakketti tas-sigaretti “MEMPHIS” u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll minhabba l-fatt illi l-markju “MEMPHIS” kien ukoll registrat bhala *Trademark* Komunitarja mal-‘Office for Harmonization in the Internal Market’ tal-Unjoni Ewropeja (bazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 000104455 (kif muri f’Dok. “A”), u Numru 000104380 (kif muri f’Dok. “B”);

3. Illi kien irrizulta li fit-13 ta’ Dicembru 2006 kienet iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “THURINGIA EXPRESS”, u/jew kienet giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ sigaretti li kienu jgibu l-markju “MEMPHIS” kif ukoll is-sinjali distintivi fuq imsemmija li jinsabu fuq l-istess sigaretti liema konsenja kienet tikkonsisti f’elf (1,000) kaxxa maghrufa bhala *master cases* b’Container Numru ECMU9644383, u li ma kienux genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap 414;

4. Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru AE1254254 kien irrizulta li l-parti ghan-notifika (Notify Party) tas-sigaretti in kwistjoni kienu indikati bhala Playmaker, Ul. 24 Novembra H14, Bar, Montenegro (Tel/Fax:0038185 317 015), mentri kien jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* kienu indikati bhala World Wide Tobacco, P.O. Box : 2671, Dubai – U.A.E;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt

dwar il-propjeta’ intellettwali huwa projbit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Illi dawn is-sigaretti in kwistjoni kienu jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-Artiklu 2(1)(b) tal-Kap 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ propjeta’ intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta` estera Gallaher Limited ghas-socjeta` rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “C”);

7. Illi din il-konsenja ta’ sigaretti bhalissa kienet tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li kienet ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li kienu gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “F”);

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita` Ewropeja u fil-kazistika tal-‘European Court of Justice’ li r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja kellhom jigu invokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-Artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 ta’ l-2003 intitolat “Regoli ta’ l-2003 dwar it-*Trademark* Komunitarja” jistipula li ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 91 tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94, il-Qrati Maltin li

jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. David Tonna nomine ddikjara li l-fatti suesposti kien jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Għaldaqstant, ir-rikorrent nomine talab li l-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap 414 u/jew skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' sigaretti li tikkonsisti f'elf (1,000) kaxxa maghrufa bhala *master cases* b'Container Numru ECMU9644383 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap 414, u dan fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq id-disinn jew xoghol artistiku taghha kif jinsab fuq il-pakketti tas-sigaretti "MEMPHIS";

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' sigaretti tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000104455 (kif muri f'Dok. "A"), u Numru 000104380 (kif muri f'Dok. "B")

registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur li s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq id-disinn jew xoghol artistiku taghha kif jinsab fuq il-pakketti tas-sigaretti "MEMPHIS";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent nomine.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati li biha esponew:

Illi huma ma kienux edotti mill-fatti u kienu qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata kif, jekk u meta jkunu nfurmati sew fuq il-fatti tal-kaz.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-Kuraturi Deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' George Agius, impjegat tad-Dwana bhala Fizzjal fis-Sezzjoni tal-Infurzar, li fih issemma li l-***container*** ECMU9644383 kien inhatt gewwa l-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur Thuringia Express fit-13 ta' Dicembru 2006 u kien gie maghzul ghall-kontroll fiziku tal-kontenut tieghu. Skond il-polza tat-tghabija li ggib in-numru AE1254254 tal-vjagg numru EP296W li kienet giet prezentata mill-agent tal-vapur imsemmi, jigifieri CMA CGM(Malta), l-origini tal-***container*** kienet l-Emirati Arab Maghquda (U.A.E.), Dubai, u kien destinat ghall-Montenegro. Bhala kontenut kien dikjarat li fih 1000 kaxxa sigaretti (1000 ***ctns Cigarettes in master cases***). Il-***container*** kien gie mibghut minn World Wide Tobacco, P.O. Box 2671, Dubai filwaqt li l-parti ghan-notifika kienet indikata bhala Playmaker, Ul. 24 Novembra H14, Bar Montenegro.

Fil-15 ta' Dicembru 2006 fil-prezenza ta' ufficjali ohra tad-Dwana u tar-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur u wara li s-sigilli gew konfermati bhala intatti, il-***container*** infetah u nstab li fl-ewwel fillieri tal-kontenut kien hemm kaxxi li fihom sigaretti bil-markju MEMPHIS ta' Austria Tabak, liema sigaretti dehru li kienu kontrafatti. Kienet ittiehdet id-decizjoni li l-***container*** jinzamm ghal aktar investigazzjoni u wara li gew elevati kampjonarji tas-sigaretti misjuba fil-***container***, dan kien rega' nghalaq u sigillat mid-Dwana u mir-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur, u r-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur inghata ricevuta tal-***container*** mizmum.

Il-kampjuni elevati kienu gew mghoddija lil Dr. Antoine Camilleri ta' Mamo TCV Advocates bhala rapprezentanti legali tal-markju Memphis f'Malta. Minn ezamijiet li saru fuq dawn il-kampjuni rrizulta li s-sigaretti kienu kontrafatti.

Gie konfermat mix-xhud li l-konsenja tas-sigaretti ghadha mizmuma mid-Dwana fl-imhazen taghha.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lill-kumpanija rikorrenti ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna l-attur ma gie kontradett.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. David Tonna huwa rapprezentant tas-socjeta` Austria Tabak GmbH & Co. KG. ghal dak li jirrigwarda l-markju u l-protezzjoni tal-markju taghha gewwa Malta. Irrizulta li fit-13 ta' Dicembru 2006 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV Thuringia Express konsenja sigaretti tal-marka Memphis fuq il-***container*** ECMU9644383. Peress li ghall-markju Memphis id-Dwana ghandha applikazzjoni ghal azzjoni skond l-Att VIII tas-sena 2000, Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll applikazzjoni ghal azzjoni tal-Komunita` Ewropeja skond ir-Regolament EC 1383/03 kienet ittiehdet id-decizjoni li l-***container*** jinzamm ghal aktar investigazzjoni. Kienu ttiehdu kampjonarji u nghataw lil Dr. Antoine Camilleri ta' Mamo TCV biex jintbaghatu barra minn Malta u jigu ezaminati sabiex jigi determinat jekk kienux genwini jew foloz. Instab li s-sigaretti kienu foloz. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Agius fizzjal tad-Dwana fis-sezzjoni tal-Infurzar li semma li fil-15 ta' Dicembru 2006 il-***container*** imsemmi gie miftuh biex jigi ccekkjat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-intimati ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 54 et tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' Andrew Carter, Security Operations Manager ma' Gallaher Limited, li fiha jinghad "As requested, after examining the Samples, I can confirm that the products in question are definitely counterfeit and that they were not produced by, or with the authorisation of Austria Tabak GmbH & Co KG or any of its affiliates or licensees for, among others, the following reasons…", u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.

It-talba rikorrenti m'hi b'ebda mod kontradetta.

L-azzjoni rikorrenti hi bazata fuq dak li tipprovdi l-ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Il-fatti msemmija fir-rikors jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Andrew Carter u tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius, il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap 414 u/jew skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003;

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' sigaretti li tikkonsisti f'elf (1,000) kaxxa maghrufa bhala ***master cases*** b'***Container*** Numru ECMU9644383 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap 414, u dan fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq id-disinn jew xoghol artistiku taghha kif jinsab fuq il-pakketti tas-sigaretti "MEMPHIS";

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' sigaretti tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-***Trademarks*** Komunitarji Numru 000104455 (kif muri f'Dok. "A"), u Numru 000104380 (kif muri f'Dok. "B") registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru

40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-***Trademark*** Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur li s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq id-disinn jew xoghol artistiku taghha kif jinsab fuq il-pakketti tas-sigaretti "MEMPHIS";

Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` rikorrenti sabiex jiddistruggu s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414;

Dwar il-hames talba fejn intalab lill-Qorti "Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti", fil-fatt ir-rikorrent ***nomine*** ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor;

Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` intimata, b'dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mir-rikorrent ***nomine***.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------